MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 280/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
v

**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** ta' tmienja w ghoxrin sena, bin Carmelo u Concetta nee Scicluna, imwieled Pieta nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1972 u joqghod Block C, Flat 2, Qasam tad-Djar ta' Hal Tmiem, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 108072M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 1998 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess

t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti diversament preseduta dehrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz inkluz ix-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hati, li kien spedjenti li taghmel ordni ta' probation u ghalhekk nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 kient poggiet lil hati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; llum artikolu 7 tal-Kap 446 u dan taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard.

Illi nhar d-dsatax ta' Novembru 2002 l-Ufficjal tal-Probation kienet ippresentat nota fejn kiene ioddenunzjat lil imputat probationer odjern peress li kien naqas li jzomm ruhu f'kuntatt maghha skond d-direttivi moghtija lilu u dan b'mod partikolari sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti appuntat din in-nota ghas-smiegh u fl-erbatax ta' Frar 2003 xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard li spjiegat li l-imputat probationer ma kienx qed jzomm l-appuntamenti tieghu maghha u kien qed jevitha. Gara wkoll li kien qabez xi testijiet tal-awriona u rrizulta li kien irrilapsja u li reggha beda jiehu d-droga u ghalhekk peress li l-ordni tal-probation kienet ser tiskadi, hasset il-htiega li taghmel l-istess denunzja.

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003, l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard regghet giet prodotta sabiex

tixhed u mix-xhieda taghha rrizulta li minn dak iz-zmien 'l hawn l-imputat probationer kien sab impjieg regolari mal-Public Cleaners Co-op Limited kif jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti bhala dokuemnt PC pero kien waqaf jahdem ghaliex spicca qieghed, u li kien qed jzomm kuntatt regolari mat-tobba tad-Detox u rrizultati tal-awrina kienu negattivi ghal presenza ta' droga.

Illi fi ftit kliem ikkonkludiet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard, li l-imputat probationer kien sejjer tajjeb u ghamel progress u li fil-fehma taghha l-ordni tal-probation ghandha tigi estiza.

**Illi in vista ta' dawn l-provi il-Qorti hija tal-fehma li testendi l-ordni tal-probation ghall-imputat probationer JOSEPH CAMILLERI ghal perjodu ta' sena ohra mill-llum ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------